**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 35 - IT-TLIETA 13 TA' MEJJU 2008**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fid-8:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi-Sindku |
| | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier (wasal fid-9am) |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Salvu Sciberras | Kunsillier |

Pubbliku: Ma kienx hemm pubbliku preżenti.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Il-minuti ġew meqjusa moqrija u approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

1.2. Is-SE informa li minħabba pressjoni kbira ta' xogħol ma kienx possibli li jinfurmahom bid-dettalji dwar x'sar mill-aħħar laqgħa iżda possibilment jagħmel dan fil-laqgħa li jmiss.

**2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

2.1. Is-Sindku infurmat li kienet għaddeja ko-ordinazzjoni sħiħa fuq iż-żjara tal-President. L-ewwel għodwa taż-żjara se ssir il-Ġimgħa 23 ta' Mejju fejn il-President se jżur l-iskejjel tan-Naxxar. Dak inhar filgħaxija jiltaqa' ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-lokal. Il-Ħadd imbagħad il-President se jiltaqa' ma' numru ta' tfal mill-Mixtla tal-futbol tan-Naxxar fil-grawnd il-ġdid, issir quddiesa fit-8 :30am bl-attendenza tas-Sinjura Fenech Adami u mistednin, fosthom Kunsillieri, wara jiltaqa' mal-pubbliku fuq iz-zuntier tal-Knisja u wara is-Sinjura Fenech Adami żżur l-Anzjani tad-Dar Sagra Familja, is-Sorijiet Dumnikani u l-Patrijiet Ġiżwiti. Il-President jittieħed fuq żjarat kulturali u laqgħat oħra. Fost dawn ta' l-aħħar, laqgħa mal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, mal-vittmi tat-traġedja ta' Marzu, mas-Sottokumitat ta' Baħar iċ-Ċagħaq u finalment mal-Kunsill.

2.2. Is-Sindku infurmat ukoll li kienet saret laqgħa u prova fil-post ta' waħda mill-proposti għas-CCTV fil-bandli. Fadal aktar laqgħat ma' kuntratturi oħra li jridu jsiru iżda hi wriet ix-xewqa biex ikunu ppruvati wkoll fid-dlam.

2.3. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Agius ; il-ħin kien id-9pm.

2.4. Il-Kunsill f'dan l-istadju qabel jbiddel l-ordni tal-laqgħa u għalhekk qabeż mill-ewwel għan-numru 7 fuq l-aġenda.

## 3. INSTALLAZZJONI TA' GABINETTI MILL-KUMPANIJA GO

3.1. Is-SE informa li kien ġie avviċinat mill-kumpanija GO dwar gabinetti li riedu jinstallaw fi tliet żoni partikulari. Dawn il-gabinetti, li huma intiżi biex isaħħu s-sistema ta' l-internet għall-klijenti, huma pjuttost goffi u għalhekk xtaqu li jikkonsultaw mal-Kunsill qabel ma jieħdu deċiżjoni.

3.2. Il-postijiet huma: il-grawnd tal-futbol quddiem il-Kunsill, Ġnien il-Familja u Ġnien il-Prinjol.

3.3. Minħabba li kien għaddej ix-xogħol fuq Triq il-Ġdida is-SE informa li ma kienx jagħmel sens li jistenna deċiżjoni mill-Kunsill għax inkella kien ikun tard wisq u għalhekk insista li jekk għandhom jgħaddu xi trinek jgħadduhom waqt ix-xogħol bil-ħsieb li l-gabinett jitpoġġa fil-grawnd man-naħa ta' Triq il-Ġdida biex b'hekk ma jkunx jidher goff mit-triq.

3.4. Il-Kunsill, filwaqt li approva d-deċiżjoni tas-SE, qabel li jiltaqa' ma' uffiċċjali tal-Kumpanija.

## 4. TALBA GĦAL BINI U INSTALLAZZJONI TA' *DRIVE-THROUGH ATM* MILL-BOV

4.1. Is-SE informa li kellu talba biex issir *drive-through ATM* tal-BOV fin-naħa fejn hemm id-diviżjoni bejn is-*service road* u t-triq prinċipali fi Triq tal-Labour.

4.2. Huma kienu lesti li jipprovdu l-bini u kull ħaġa relatata magħha ħlief għall-preparazzjoni tal-pjanti, l-applikazzjoni lill-MEPA u l-irranġar mad-Dipartiment ta' l-Artijiet. Filwaqt li kienu lesti li jħallsu għall-ispejjeż kollha, ma kinux lesti li jħallsu xi forma ta' renta. Huma infurmawh ukoll li ma kinux qed jistennew li jidħlu f'kuntratti mal-Kunsill li effettivament ifisser li l-Kunsill ikun liberu li jneħħihom meta jidhirlu hu. Infurmawh ukoll li ma kinux qed jippretendu l-esklussività u għalhekk il-Kunsill seta' jasal f'arranġament simili ma' bank ieħor anki fl-istess żona.

4.3. Il-Kunsill qabel li ma jaċċettax jekk ma jkunx hemm kumpens forma ta' renta.

## 5. TALBA GĦAL LEAVE SPEĊJALI GĦALL-ISTUDJU – JOSETTE MICALLEF

5.1. Is-SE informa li kienet waslitlu talba mis-Sra. Josette Micallef biex tingħata *leave* speċjali bi ħlas għall-istudju minħabba li għandha l-eżamijiet bejn l-aħħar ta' Mejju u l-bidu ta' Ġunju.

5.2. Il-Kunsill qabel li, sakemm dan huwa skond ir-regolamenti, u kemm-il darba tinġieb evidenza, tingħata dan il-*leave* speċjali.

## 6. HWEJJEG OHRA

6.1. Is-SE ressaq talba li twaslitlu mingħand il-persuna li qiegħed jieħu ħsieb il-klieb f'Baħar iċ-Ċagħaq biex il-Kunsill joffri ħamrija biex titpoġġa fiż-żona maġenb fejn qed jinżammu l-klieb bil-ħsieb li huwa jdawwar xibka madwar iż-żona, li bħalissa tinsab abbandunata, inaddaf sewwa, iwitti u jifrex il-ħamrija bil-ħsieb li jikber il-ħaxix u jżommu baxx. L-iskop għal dan huwa li jibda jgħallem il-klieb.

6.2. Il-Kunsill però ma setax jikkunsidra din it-talba minħabba li l-art m'hijiex pubblika.

6.3. Il-Kunsillier Catania ġibed l-attenzjoni li biex vetturi goffi jidħlu għal Triq Leli Falzon u lura qed ikollhom diffikultà u għalhekk kien iħoss li għandhom jitħallew jgħaddu minn Triq l-Oratorju u parti minn Triq il-Parroċċa. Madanakollu l-Kunsill ma qabilx.

6.4. Il-Kunsillier Gatt ġibed l-attenzjoni li x-xibka tal-*basketball* fil-grawnd qed ittellef waqt il-logħob tal-futbol u għalhekk talab li titneħħa.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1. Il-laqgħa intemmet fl-9:40pm filwaqt li sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2008.

| | |
|---|---|
| ***(Iffirmati)*** | ***(Iffirmati)*** |
| **Maria F. Deguara** *MD, MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |